MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 213/2020 LM

**Charles Lucas (K.I. nru. 367447(M)) u**
**Antoinette Lucas (K.I. nru. 643946(M))**
*('l-appellati')*

***vs.***

1. **NQ Systems Ltd (C 76193)**
2. **Matthew Ellul Sullivan (K.I. nru. 461874(M))**

**fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' NQ Systems Ltd,**
**u permezz ta' digriet tad-9 ta' Frar, 2021, it-Tribunal awtorizza**
**s-sejħa fil-kawża ta' MAPFRE Middlesea p.l.c. (C 5553)**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuti s-soċjetà **NQ Systems Limited (C 76193)** u **Matthew Ellul Sullivan (K.I. nru. 461874(M)) fil-kapaċità tiegħu**

**ta' direttur ta' NQ Systems Limited** u mill-imsejħa fil-kawża s-soċjetà **MAPFRE Middlesea p.l.c. (C 5553)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-15 ta' Settembru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda billi ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-appellanti, laqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tal-atturi **Charles Lucas (K.I. nru. 367447(M))** u **Antoinette Lucas (K.I. nru. 643946(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'], filwaqt li astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba tagħhom, u ordna lill-appellanti sabiex iħallsu lill-appellati s-somma ta' €3,472.74 (tliet elef erba' mija tnejn u sebgħin Euro u erba' u sebgħin ċenteżmi), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sal-ħlas effettiv, u bl-ispejjeż.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw inċident li seħħ fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru, 2018, fejn vettura inħakmet min-nirien quddiem id-dar 176 f'Triq il-Liedna, Fgura, liema dar hija proprjetà tal-appellati. L-imsemmija vettura kienet reġistrata fuq Matthew Ellul Sullivan u kienet tħalliet hemm minn xi ħaddiema. B'riżultat ta' dak l-inċident, id-dar tal-appellati sofriet diversi ħsarat, anki fil-bieb ta' barra, li nqered għal kollox.

## Mertu

3. L-appellati għalhekk ippreżentaw talba quddiem it-Tribunal fil-konfront tas-soċjetà appellanta NQ Systems Ltd [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà

appellanta'] u ta' Matthew Ellul Sullivan fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' NQ Systems Ltd [minn issa 'l quddiem 'l-appellant Ellul Sullivan nomine'], fejn ħarrkuhom sabiex jgħidu għaliex l-imsemmi Tribunal:

*"...m'għandux prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1. *Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati huma responsabbli għall-ħsarat imġarrba mir-rikorrenti kawża tan-nirien tal-25 ta' Settembru 2018.*
2. *Jiddikjara li s-somma ta' €3,472.74 jew kwalunkwe somma verjuri hija dovuta lir-rikorrenti mingħand l-intimati;*
3. *Jordna lill-intimati iħallsu s-somma ta' €3,472.74 jew kwalunkwe somma verjuri lir-rikorrenti;*
4. *Jordna lill-intimati iħallsu l-ispejjes relatati man-nirien li għad jirriżultaw tul il-mori tal-kawża li f'dan l-istadju għad mhux preċiżament magħrufa u li b'kollox ma jeċċedux il-€5,000"*

4. Is-soċjetà appellanta u l-appellant Ellul Sullivan nomine wieġbu fit-12 ta' Ottubru, 2020 fejn eċċepew li t-talbiet tal-appellati kienu infondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Fuq talba magħmula mill-appellant Ellul Sullivan nomine, it-Tribunal ordna li tiġi msejħa fil-kawża s-soċjetà appellanta MAPFRE Middlesea p.l.c. [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà imsejħa fil-kawża'], li ppreżentat ir-risposta tagħha fit-18 ta' Marzu, 2021. Hija eċċepiet is-segwenti: (1) l-atturi kellhom jippruvaw id-dolo jew il-culpa tas-sid tal-vettura u anki d-danni realment subiti minnhom; (2) ir-raba' talba ma setgħetx tintlaqa' mit-Tribunal, li ma kellux il-poter li jiddeċiedi dwar ammonti *da liquidarsi*; (3) tirriżerva d-dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-assigurat tagħha; u (4) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Is-Sentenza Appellata**

6. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li għamel is-segwenti sottomissjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*Ikkunsidra:*

*Illi fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2018, quddiem id-dar 176, Triq il-Liedna, Fgura, proprjetà tal-atturi, karozza inħakmet minn nirien. Din il-karozza kienet reġistrata fuq il-konvenut Matthew Ellul Sullivan, u mill-provi rriżulta li kienet qed tintuża minn xi ħaddiema li kienu jgħixu wkoll fl-akkwata, sabiex isir xogħol fl-interess tas-soċjetà konvenuta NQ Systems Ltd.*

*Illi konsegwenza tal-inċident, l-atturi sofrew diversi ħsarat kemm fil-faċċata tad-dar tagħhom, iżda b'mod partikolari fil-bieb ta' barra, li spiċċa għal kollox u kellu jinbidel, kif ukoll fl-antiporta, fil-qanpiena u f'xi ħġieġ tal-gallarija. L-atturi ġabu stimi għat-tiswija ta' dawn il-ħsarat permezz tal-perit tagħhom u l-mastrudaxxa.*

*Illi permezz ta' ittra datata 21 ta' Jannar 2020, Matthew Sullivan, (fil-kawża il-konvenut Matthew Ellul Sullivan) bagħat* di suo arbitrio *cheque ta' tlett elef u mitejn Euro (€3,200) lill-atturi sabiex ikopru l-ħsarat li sofrew. Fl-istess ittra però kwalifika din l-għotja fis-sens li qal illi NQ Systems m'għandhiex responsabbiltà għat-telf li ġarrbu l-atturi, u li dan il-ġest kien qed jagħmlu sempliċement biex juri li xtaq jgħin lill-atturi.*

*Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti fil-fatt eċċepew li m'għandhomx responsabbiltà għall-akkadut.*

*Illi l-qofol tal-kwistjoni għalhekk ġie wieħed: filwaqt li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-kawża diretta u fiżika tal-ħsara li ġarrbu l-atturi kienet il-ħruq tal-karozza, kemm il-konvenuti u kif ukoll is-soċjetà msejjħa fil-kawża qed jindikaw illi jrid jiġi ppruvat illi kien hemm l-intenzjoni min-naħa tal-konvenuti jew min minnhom, sabiex issir il-ħsara fuq il-proprjetà tal-atturi. Jargumentaw li din il-prova iridu jressquha l-atturi, u fit-trattazzjoni, is-soċjetà msejjħa fil-kawża ssottomettiet illi ladarba din il-prova ma saritx, m'għandhomx jiġu penalizzati l-konvenuti jew is-soċjetà msejjħa fil-kawża.*

*Illi fi kliem ieħor għalhekk il-konvenuti u s-soċjetà imsejjħa fil-kawża qegħdin jipprovdu għax-xenarju fejn dak li seħħ kien kawża ta' att fortuwitu u mhux intenzjonat.*

*Illi propju fuq il-forza maġġuri, fis-sentenza Elmo Insurance Services et vs Micallef Joseph Pc 537 Et (fn. 11 Qorti tal-Appell Superjuri – 5 t'Ottubru 2001), intqal hekk:*

> L-eċċezzjoni tal-forza maġġuri ovvjament tisposta l-oneru tal-prova kompletament fuq min jallegaha. Hija eċċezzjoni li, jekk provata fit-termini tal-liġi, kienet teżonera lil min jallegaha minn kull responsabilità.
>
> Din id-difiża tista' tirnexxi biss kemm-il darba fil-kawża tal-akkadut ikun ġie eskluż bl-aktar mod kategoriku l-intervent uman. Konsegwetement jekk preċedentement għall-inċident ikun hemm xi nuqqas tas-sewwieq, jew ta' terza persuna responsabbli għall-vettura minn dan misjuqa, din id-difiża ma jkollha l-ebda saħħa.
>
> Il-kunċett tal-każ fortuwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-ħsara ikun ikkontribwixxa l-fatt pożittiv jew negattiv tal-bniedem. Skont il-prinċipju tad-dritt biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma jeħtieġ li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-bonus pater familias.
>
> Għalhekk min jallega l-każ fortuwitu jrid jipprova li (a) il-fatt li seħħ il-każ fortuwitu, u (b) illi dak il-każ fortuwitu ma kienx ġie preċedut minn xi att delittwuż jew kważi delittwuż tiegħu *(fn. 12 Sottolinear tat-Tribunal)*

*Illi magħdud ma' dan, wieħed bilfors irid jirreferi għal Artikolu 1029 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi x'iseħħ meta jkun hemm forza maġġuri:*

> Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.

*Illi f'dan il-każ, iżda, għalkemm is-soċjetà msejjħa fil-kawża tagħmel referenza għall-każ fortuwitu, it-Tribunal jirrileva illi kellha tkun hi, la qanqlet din id-difiża, (jew il-konvenuti) illi tipprova illi dan kien każ fortuwitu u mhux att doluż ta' xi ħadd. Is-soċjetà msejjħa fil-kawża pruvat tispostja l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward fuq l-atturi, billi ssottomettiet illi kellhom ikunu huma li jippruvaw illi dan ma kienx każ fortuwitu. It-Tribunal jirrileva però illi l-oneru għandu jkun bil-kontra; għandu jipprova l-każ fortuwitu dak li jinvokah fid-difiza tiegħu, u għalhekk f'dan il-każ il-konvenuti/is-soċjetà msejjħa fil-kawża.*

*Illi l-atturi ġabu prova sodisfaċenti tal-ħsarat li ġarrbu u tal-ammonti li hemm bżonn sabiex isewwu, u dan permezz ta' varji stimi u permezz tar-rapport tal-Perit.*

*Għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ġie rilevat li t-Tribunal m'għandux jiddeċiedi li jsir il-ħlas abbażi ta' stima, it-Tribunal min-naħa l-oħra jirriżultalu illi l-istima u r-rapport tal-perit ex parte tal-atturi ma ġewx b'mod ieħor kontradetti, wisq inqas bi prova teknika, u fiċ-ċirkostanzi jirriżultalu illi l-istima għall-ispejjeż hemm indikata hija veritiera. Il-quantum tad-danni mitlub, għalhekk huwa pruvat.*

*Illi finalment jingħad ukoll illi s-soċjetà msejjħa fil-kawża, permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, issottomettiet illi r-raba' talba tal-atturi, kif dedotta, ma tistax tiġi milqugħa minn dan it-Tribunal li m'għandux il-poter jiddeċiedi fuq ammonti* da liquidarsi. *Illi t-talba kienet illi l-konvenuti jħallsu l-ispejjeż relatati man-nirien li għad jirriżultaw tul il-mori tal-kawża li f'dak l-istadju għad mhux preċiżament magħrufa u li b'kollox ma jeċċedux il-€5,000.*

*Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija definita f'Artikolu 3(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi:*

> *Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000):*

*Illi għat-Tribunal ir-raba' talba hija talba ta' flus, anke jekk dawn possibilment kien għad kellhom jiġu likwidati f'dak il-punt. M'hemm xejn fil-liġi li jindika li talba ta' flus trid tkun talba għal ammont ta' flus speċifiku li jissemma fil-bidu tal-kawża u ma jkunx jista' jiġi likwidat eventwalment. Sakemm it-talba tibqa' waħda biss ta' flus, u mhux sabiex it-Tribunal jordna li jitwettaq jew ma jitwettaqx xi ħaġa jew oħra, anke r-raba' talba tibqa' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Minkejja dan, l-atturi fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021 iddikjaraw illi l-ammont reklamat minnhom f'din il-kawża huwa biss u limitatament dak ta' €3,472.74, u għalhekk anke fil-mertu, m'hemm xejn iktar x'jiġi likwidat; dan għaliex is-somma mitluba mill-atturi fl-avviż hija dik indikata mill-perit tagħhom ex parte, bħala s-somma li hemm bżonn tintefaq sabiex isir ix-xogħol rimedjali."*

## **L-Appell**

7. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-5 ta' Ottubru, 2021, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata

billi tiċħad it-talbiet tal-appellati u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti. Jgħidu li l-aggravji tagħhom huma dawn: (i) it-Tribunal sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq l-argument li huma skont hu kienu eċċepew li l-każ odjern kien wieħed fortwit; u (ii) it-Tribunal għażel li ma jistenniex il-konklużjonijiet tal-Maġistrat Inkwirenti.

8. Fir-risposta tagħhom l-appellati, filwaqt li ssottomettew li l-aggravji mressqa mill-appellanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għal dawk ir-raġunijiet li huma jfissru, talbu sabiex din il-Qorti tiċħad l-appell interpost.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanti, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellati.

10. L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa li t-Tribunal straħ fuq dak li huwa kkonsidra kienet l-eċċezzjoni tagħhom ta' każ fortuwitu. Isostnu li huma qatt ma ressqu eċċezzjoni bħal din, iżda biss irrespinġew ir-responsabbiltà għall-akkadut, u għalhekk ma kien hemm l-ebda spostament tal-oneru tal-prova kif qal it-Tribunal. Is-soċjetà msejħa fil-kawża kienet sostniet u għadha ssostni li ġaladarba t-talba tal-atturi kienet imsejsa fuq *culpa aquiliana,* kellha tiġi ppruvata l-culpa tal-konvenut fin-nar li nxtered fuq il-proprjetà tal-appellati, iżda il-prova ma saritx. Huma jiċċitaw diversi sentenzi tal-Qrati in sostenn ta' dan. Jissottomettu li skont it-Tribunal d-danni jistgħu jiġu kkawżati b'mod

volontarju, iżda anki aċċidentalment meta jseħħ każ fortuwitu, u fejn jiġi nvertit l-oneru tal-prova. Jgħidu li b'hekk it-Tribunal donnu ma jagħtix każ il-fatt li r-responsabbiltà legali għad-danni tista' toħroġ mill-*culpa,* jiġifieri min-negliġenza u mit-traskuraġni. L-appellanti jsostnu li dan ir-raġunament huwa wieħed perikoluż għaliex b'hekk it-Tribunal jikkonsidra li huwa biżżejjed li wieħed jipprova illi ġratlu l-ħsara għall-fini ta' *culpa aquiliana.* Jikkontendu li madankollu huwa sew magħruf li għal dawn it-tip ta' danni li joħorġu mid-dritt Ruman, hemm bżonn il-prova tan-negliġenza. Sostnew li l-appellati ma ġabu l-ebda prova li n-nar tqabbad b'mod volontarju mill-appellanti jew li seħħ riżultat tan-negliġenza tagħhom. Jgħidu li għall-kuntrarju l-vann minn fejn bdew in-nirien kien f'kundizzjoni tajba. It-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-fatt li t-Tribunal għażel li ma jistenniex il-konklużjonijiet tal-Maġistrat Inkwirenti qabel m'għadda sabiex ta d-deċiżjoni tiegħu. Jispjegaw li l-Inkjesta Maġisterjali ngħalqet fit-23 ta' Frar, 2021 u kien biss wara li ngħalqu l-provi fil-proċeduri odjerni li ġiet rilaxxjata kopja lill-appellanti, li huma annettew mar-rikors tal-appell. Jirrilevaw li fil-mori ta' dawk il-proċeduri t-Tribunal kien iddikjara li huwa ma kienx dispost li jistenna l-eżitu tal-Inkjesta sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellanti jgħidu li skont dik l-Inkjesta Maġisterjali, in-nirien fuq il-vettura ma tqabbdux aċċidentalment, iżda kienu ntenzjonati sabiex jeqirdu l-vettura, u dan kien evidenti mill-mod kif inxtered in-nar. Jgħidu li mill-Inkjesta Maġisterjali ma rriżultax min kien il-malvivent, u għalhekk il-Maġistrat Inkwerenti ssolleċitat lill-Pulizija sabiex ikomplu bl-investigazzjonijiet. Għalhekk jgħidu li huma mhumiex responsabbli għad-danni riżultanti min-nirien u m'għandhomx jagħmlu tajjeb għalihom.

11. L-appellati jilqgħu billi jissottomettu illi l-aggravji tal-appellanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u jgħaddu sabiex jispjegaw erba' raġunijiet għal dan. Jibdew billi jgħidu li dak li kellu jiġi ppruvat minnhom ġie ampjament ippruvat. Huma jagħmlu riferiment għax-xhieda ta' Stephen Cachia, rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, tas-Surġent PS463 Christopher Ellul u tal-appellati stess. B'hekk huma jisiltu diversi punti minn din ix-xhieda u jgħaddu sabiex jiċċitaw il-ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' *culpa aquiliana,* u anki dwar dak ta' *culpa in eligendo.* Jikkontendu li l-impjegati tas-soċjetà appellanta kienu negliġenti f'xogħolhom, u l-imsemmija soċjetà appellanta naqset min-naħa tagħha li tara li dawn jagħmlu xogħolhom kif għandu jkun. It-tieni punt li l-appellati jirrilevaw huwa li l-unika difiża għad-disposizzjoni tal-appellanti kienet dik ta' forza maġġuri, iżda huma naqsu milli jressqu prova tagħha. Għal darb'oħra huma jagħmlu riferiment għall-każistika in sostenn tal-argument tagħhom. It-tielet punt li jirrilevaw l-appellati huwa li l-appellanti ma kienux ikkontestaw id-dikjarazzjoni tat-Tribunal li ma kienx ser jistenna l-eżitu tal-Inkjesta Maġisterjali. Jgħidu li ma kien veru xejn li kopja tal-inkjesta ġiet rilaxxjata lilhom wara l-għeluq tal-provi tal-partijiet, għaliex jirriżulta mill-faċċata tad-dokument li dan ġie rilaxxjat lilhom l-għada fl-1 ta' Ġunju, 2021 meta l-kawża kienet differita għall-ġurnata ta' wara għall-provi tal-appellati. Ir-raba' punt tal-appellati huwa li ma jistgħux jitressqu provi ġodda f'dan l-istadju tal-appell. Iżda l-Qorti tgħid li din il-kwistjoni ġiet sorvolata permezz tad-digriet tagħha tad-9 ta' Diċembru, 2021.

12. Fis-sentenza appellata t-Tribunal irrileva li *"...kemm il-konvenuti u kif ukoll is-soċjetà msejjħa fil-kawża qed jindikaw illi jrid jiġi ppruvat illi kien hemm*

*l-intenzjoni min-naħa tal-konvenuti jew min minnhom, sabiex issir il-ħsara fuq il-proprjetà tal-atturi ... fi kliem ieħor għalhekk il-konvenuti u s-soċjetà msejjħa fil-kawża qegħdin jipprovdu għax-xenarju fejn dak li seħħ kien kawża ta' att fortuwitu u mhux intenzjonat".* Il-Qorti tosserva li fir-risposta tagħhom is-soċjetà appellanta u l-appellant nomine eċċepew b'mod ġenerali fl-ewwel lok *"illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt",* u fit-tieni lok *"illi kif se jirriżulta waqt il-mori tal-kawża, NQ Systems Ltd ma hijiex responsabbli għal ebda ħsara jew danni allegatament sofferti mill-atturi".* Tgħid li għalhekk ċ-ċaħda tat-talba tal-appellati kif magħmula minnhom, hija waħda ġenerika mingħajr l-ebda indikazzjoni li hija msejsa b'mod partikolari fuq kwistjoni ta' *culpa.* Is-soċjetà imsejħa fil-kawża fir-risposta tagħha teċċepixxi wkoll bl-istess mod, meta tgħid *"illi l-atturi jridu jippruvaw id-dolo jew il-culpa tas-sid tal-vettura ...",* u permezz tal-aħħar eċċezzjoni hija saħansitra tindika li n-nar tqabbad minn xi ħadd. Għalhekk il-Qorti tgħid li m'hemm l-ebda dubju li ħadd mill-appellati ma sejjes id-difiża tiegħu/tagħha fuq l-allegazzjoni ta' att fortuwitu kif iddikjara t-Tribunal, liema difiża kienet tirrikjedi prova min-naħa tagħhom.[1] Dan jirriżulta wkoll b'mod ċar saħansitra mit-trattazzjoni finali tal-avukati difensur tas-soċjetà imsejħa fil-kawża.

13. It-Tribunal kompla jgħid li ġaladarba s-soċjetà imsejħa fil-kawża kienet ressqet id-difiża ta' att fortuwitu, l-oneru tal-prova ġie spustjat għal fuqha, iżda hawn ukoll l-imsemmi Tribunal kien żbaljat. Il-Qorti filwaqt li terġa' ttenni li din id-difiża fil-fatt qatt ma tressqet, tgħid ukoll li l-oneru tal-prova baqa' dejjem

[1] Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, kellha l-opportunità li tispjega fil-fond id-distinzjoni bejn il-ksur tal-obbligi kif dan jirriżulta f'*culpa* jew *dolo,* u każ fortuwitu, anki l-oneru tal-prova f'kull każ, permezz tas-sentenza tagħha tad-19.05.04 fl-ismijiet **Alfred Delia *vs.* Segretarju Parlamentari et** App. Inf. 86/1998PS.

fuq l-appellati, li kellhom juru li kienu l-appellanti jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti minnhom riżultat ta’ att volontarju jew ta’ neliġenza jew traskuraġni.

14. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-appellanti, kif rilevat minn din il-Qorti aktar ’il fuq f’din is-sentenza, l-appellanta imsejħa fil-kawża mill-ewwel permezz tal-eċċezzjonijiet tagħha diġà kienet indikat li n-nar fuq il-vettura kien tqabbad minn xi ħadd, iżda f’dak l-istadju hija ma kinitx konsapevoli tal-identità ta’ dik il-persuna. Tirrileva li kienu l-appellati stess li permezz tal-preżentata tal-ittra ta’ Matthew Ellul Sullivan tal-21 ta’ Jannar, 2020[2], li ressqu quddiem it-Tribunal il-fatt li kien hemm inkjesta għaddejja, u anki urewh li kien hemm il-possibilità li n-nirien fuq il-vettura setgħu kienu kkawżati minn terzi persuni. Għal darb’oħra kienu l-istess appellati li bil-preżentata tar-rapport tal-Pulizija[3] permezz tax-xhud inġunt minnhom PS463 Christopher Ellul[4], żvelaw li kien hemm Inkjesta Maġisterjali għaddejja dwar l-inċident in kwistjoni. Imbagħad ix-xhud Matthew Ellul Sullivan, rappreżentant tas-soċjetà appellanta, meta xehed waqt is-seduta tad-9 ta’ Frar, 2021 quddiem it-Tribunal, spjega li huwa fehem li kien hemm inkjesta għaddejja hekk kif seħħ l-inċident, u li fil-fatt il-kumpannija assikuratriċi kienet sostniet magħhom li ġaladarba kien hemm inkjesta għaddejja, huma kienu tenuti li jistennew qabel ma jipproċedu. Iżda l-Qorti tirrileva li l-appellati ma setgħux ma kienux jafu li kien hemm Inkjesta Maġisterjali għaddejja, għaliex saħansitra fl-*email* tiegħu tal-14 ta’ Jannar,

[2] Dok. CL2 *a fol.* 27.
[3] Dok. PS1 *a fol.* 62.
[4] Seduta tas-16.12.20 *a fol.* 54.

2020 l-Avukat Laurence Pullicino għan-nom tagħhom iddikjara li *"...make it clear that you were in no way, willfully or otherwise, involved in the incident".*

15. Il-Qorti tqis li meta l-appellanti jispjegaw it-tieni aggravju tagħhom, huma jikkontendu li *"fil-mori tal-proċediment, it-Tribunal kien iddikjara illi ma kienx dispost li jistenna l-eżitu tal-Inkjesta sakemm jasal għad-deċiżjoni tiegħu iżda li kien ser jibqa' għaddej għad-deċiżjoni...".* Filwaqt li l-Qorti tosserva li m'hemm xejn fl-atti li jindika li l-appellanti għamlu xi talba f'dan is-sens, tgħid li fid-dawl tal-fatti kollha fuq esposti li jirriżultaw mill-atti tat-Tribunal, fejn fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar, 2021 hemm saħansitra indikat li *"Dr Mercieca tirrileva illi l-unika prova li baqgħalha hija prova dwar l-inkjesta li kien hemm dwar l-inċident in kwistjoni"* u fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju, 2021 hemm indikat li l-istess avukat difensur tal-appellati kienet qegħda tirrinunzja għar-riżerva magħmula, kien ikun xieraq u ġust li t-Tribunal jistenna l-eżitu tal-Inkjesta Maġisterjali qabel ma jagħti d-deċiżjoni tiegħu.

16. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravji tal-appellanti ġustifikati, u tilqagħhom.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanti, u filwaqt li tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad it-talbiet kollha tal-appellati u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**